Minuti tal-11 laqgha tas-sitt Kunsill Lokali Gharb li saret nhar it-Tlieta 30 ta' Marzu, 2010. Il-laqgha nbdiet hin 4.30pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | Carmen Vella |

**Ufficjali:**
Segretarju Ezekuttiv Joanne Attard

1. **Approvazzjoni tal-Minuti tal-10 laqgha.**

1.1 Il-Minuti ma kinux iccirkulati u ghalhekk ser jigu approvati fil-laqgha li jmiss.

2. **Approvazzjoni tal-Financial Statements 2009.**

2.1 Il-financial statements wara li sar l-Audit tal-Kunsill ghas-sena li ghalqet 31 ta' Dicembru, 2009 gew approvati u kopja taghhom inghatat lill-membri kollha.

3. **Kwotazzjonijiet tal-Progett ta' Wied il-Mielah – ERDF 022 li ghalqu it-Tlieta 23 ta' Marzu, 2010.**

3.1 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-andament tax-xoghol f'Wied il-Mielah. Manuel Muscat staqsa dwar il-kurduna u l-greenery areas. Is-Sindku spjega illi l-MEPA trid li l-Kunsill inaqqas il-greenery areas. Gie spjegat illi il-works method statements gie approvat hlief it-tarag u li dwaru baqa xi riservi. Is-Sindku spjega illi d-deadline tal-progett huwa Mejju 2010 izda l-PPCD qed tikkunsidra illi taghti estensjoni in vista tal-fatt illi l-permess tal-MEPA dam ma hareg u dan huwa stipulat fid-dokument ta' l-applikazzjoni. Is-Sindku spjega illi huwa xorta wahda ghadu jinsisti mal-kuntratturi illi x-xoghol ikun maghluq saz-zmien prevvist.

**3.2 Kwotazzjoni ghal-Landscaping ERDF022-16**

Giet sottomessa kwotazzjoni wahda biss minghand Xerri's Garden Centre. Il-Kunsill qabel ma din il-kwotazzjoni u mas-selezzjoni ta' sigar maghzula mill-Perit Edward Scerri li huma fil-limiti tal-budget u jammontaw ghal €1090.31 inkluz il-VAT. Din is-selezzjoni hija suggetta ghall-approvazzjoni tal-iskema ta' landscaping tal-MEPA.

**3.3 Kwotazzjoni ghal ghamara rustika ERDF022-17**

Gew sottomessi zewg kwotazzjonijiet minghand Joseph Attard u Bugeja Bros (Gozo) Ltd. bil-prezz ta' €3540.00 u €3341.76 rispettivament. Is-Sindku spjega illi intalbet kjarifika liz-zewg kuntratturi li kkwotaw jekk l-ghamara hux ser tkun maghmula minn gebla wahda jew inkella minn diversi bicciet. Gie spjegat illi Joseph Attard wiegeb illi l-ghamara ser tkun maghmula minn gebla wahda filwaqt li Bugeja Bros wiegbu li l-ghamara ser tkun maghmula minn diversi bicciet. Il-Kunsill qabel li jaghti din il-kwotazzjoni lil Joseph Attard li ghalkemm il-prezz tieghu kien oghla minn ta' Bugeja Bros pero kien mitlub fil-kwotazzjoni li l-ghamara trid tkun gebla wahda (*boulder*).

**3.4 Kwotazzjoni ghal safety railing ERDF022-18**

Giet sottomessa kwotazzjoni wahda minghand Tarcisju Attard ghall prezz ta' €3451.50. Il-Kunsill qabel ma din il-kwotazzjoni li ser tigi mghoddija lill-konsulent tekniku tal-progett biex ix-xoghol isir skond id-diskrezzjoni tieghu.

**3.5 Kwotazzjoni ghall-provvista ta' *solar energy powered audio-visual equipment* ERDF022-19**

Giet sottomessa kwotazzjoni wahda minghand Eagle Security Systems. Il-Kunsill qabel li ghandu jghaddi din il-kwotazzjoni lill-Ing. Mario Galea sabiex jaghti parir tekniku dwarha.

**3.6 Kwotazzjoni ghall-installazzjoni, commissioning u manutenzjoni ta' *solar energy powered audio-visual equipment* ERDF022-20**

Giet sottomessa kwotazzjoni wahda minghand Eagle Security Systems. Il-Kunsill qabel li din il-kwotazzjoni wkoll ghandha tigi mghoddija lill-Ing. Mario Galea sabiex jaghti il-parir tekniku dwarha.

**3.7 Kwotazzjoni ghal script writing dwar Wied il-Mielah ERDF022-21**

Gew sottomessi zewg kwotazzjonijiet minghand Joseph Bezzina u Institute for Environmental Studies bil-prezz ta' €2360 u €2324.60 rispettivament. Il-Kunsill qabel li jaghti din il-kwotazzjoni lil Joseph Bezzina minhabba il-kwalita' tajba tat-test ipprezentat mal-kwotazzjoni.

**3.8 Kwotazzjoni ghal servizzi fotografici ERDF022-22**

Gew sottomessi zewg kwotazzjonijiet minghand Paul Falzon u Noel Attard bil-prezz ta' €960 u €1119.82 rispettivament. Il-kwotazzjoni kienet titlob illi jigu sottomessi 5 ritratti originali. Paul Falzon ma mexiex mal-kundizzjonijiet tal-kwotazzjoni peress li ma issottomettiex ir-ritratti kif mitlub. Il-Kunsill qabel illi

s-sample ta' ritratti sottomess minn Noel Attard kien ta' kwalita' tajba u ghalhekk gie deciz illi l-kwotazzjoni ghandha tinghata lilu.

**3.9 Kwotazzjoni ghad-dizinn u stampar ta' booklets u brochures ERDF022-23**

Giet sottomessa kwotazzjoni wahda minghand A&M Printing bil-prezz ta' €6459.60. Il-Kunsill ra is-samples sottomessi ta' xoghol stampat minn A&M printing u qabel li l-kwalita' hija tajba. Il-Kunsill qabel illi din il-kwotazzjoni ghandha tinghata lil A&M Printing.

**4. Offerti li ghalqu il-Hamis 25 ta' Marzu, 2010.**

**4.1 Offerta ghall-creation of recreational area at Thomas Cassar Street in 5 lots: landscaping, seating, playing and other equipment, water features and lighting Ten:01-10**

Gew sottomessi zewg offerti minghand Bugeja Bros (Gozo) Ltd u M-Quip. Bugeja Bros (Gozo) Ltd ikkwotaw ghal 3 proposti differenti ta' landscaping kif ukoll ghal playing equipment u sigar. M-Quip ikkwotaw ghal playing field equipment, litter bins, flower pots, park benches u lamp posts.

Manuel Muscat ippropona illi tintalab kwotazzjoni lil Bugeja Bros (Gozo) Ltd li tefghu l-offerta ghall-pavimentar tal-pjazza sabiex jaghtu kwotazzjoni ghall-pavimentar tal-belveder fi Triq Tumas Cassar bl-istess materjal tal-pjazza. Il-Kunsill qabel li ghandha tintalab kwotazzjoni ghall-materjal bit-tpoggija b'kollox.

Il-Kunsill qabel li japplika ghall-fondi disponibbli ghall-Gharb mill-iskema tal UIF biex isir dan il-progett.

L-offerta thalliet pendenti ghal-laqgha ohra.

**4.2 Offerta ghall-provvista u installazzjoni ta' energy saving/alternative energy powered street lighting Ten:02-10**

Gew sottomessi 4 offerti minghand Solar Engineering Ltd, Calleja & Formosa Energy Saving, Insulations Malta u Chris Gauci. Il-Kunsill qabel illi ghandu jinhatar board ta' evalwazzjoni sabiex jevalwa wkoll dawn l-offerti. Il-Kunsill qabel illi ghandhom jinhatru fil-kapacita' personali taghhom l-Ingineer Josephine Vella, l-Ingineer Mizzi u l-Ingineer John Attard ilkoll impjegati tal-Enemalta li ghandhom ghalhekk jigu ikkuntattjati fir-rigward ta' din il-proposta.

**4.3 Offerta ghall-provvista ta' materjal ta' paving Ten:03-10**

4.3.1Taht din l-offerta gew sottomessi tlett offerti minghand M-Quip, JCR Ltd u Bugeja Bros Ltd. It-total tal-BOQ tat-tliet offerti huwa ta' €142067.66,

€56154.14 u €66124.46 rispettivament. L-offerta ta' M-Quip hija ghal gebla naturali u hija ferm oghla mill-budget tal-Kunsill. Il-Kunsill ra l-pjanti sottomessi miz-zewg tenderers l-ohra kif ukoll l-artist impression sottomessa minn JCR Ltd. u iddiskuta il-proposta ta' JCR Ltd. illi Pjazza Zjara tal-Madonna tkun maghluqa ghat-traffiku.

4.3.2 Il-Kunsill iddiskuta x-xoghol li ser isir mill-WSC kif ippjanat fit-tender taghhom li jikkonsisti fit-triq ta' Wied il-Mielah sal-bini fi Triq tal-Gidi bil-konkrit, minn dan il-punt sa bidu ta' Pjazzetta Zjara tal-Madonna bit-tarmak inkluz Pjazza Gerano u l-pavimentar tal-Pjazzetta Zjara tal-Madonna.

Il-Kunsill ghandu x-xewqa u qed jikkonsidra li bil-fondi allokali mill-WSC u l-Ministeru ghal Ghawdex jibdel il-bankini mill-bidu ta' Triq il-Knisja sal-pjazza kif ukoll jaghmel il-paving tal-pjazza, jibdel il-bankini matul Triq Frenc ta' l-Gharb u matul Pjazza Gerano flimkien mal-pavimentar ta' Pjazza Gerano.

Il-Kunsill rega iddiskuta iz-zewg ghazliet ta' paving jew inkella wicc gdid bit-tarmak ghall-pjazza. Raymond Cassar qal li huwa jibza illi jekk il-pjazza issir bil-paving din tinzel minhabba it-toqol ta' vetturi li jghaddu minn fuqha. Hawnhekk is-Sindku spjega illi bhalma jsir f'kuntratti ta' progetti b'finanzjament ewrojew il-kuntrattur ghandu jintalab jaghmel retention guarantee ghal perjodu ta' zmien wara li jitlesta ix-xoghol. Il-Kunsill qabel li ghandhom jintalbu specifikazzjonijiet dwar is-sodda tal-konkos u l-ghagna li jitpogga fuqha il-paving. Il-Kunsill qabel illi jghaddi iz-zewg offerti lill-Perit tal-Kunsill sabiex ikun jista' jahdem stima. Il-perit ghandu jaghmel stimi individwali kif gej:.

- Bankini godda tul Triq il-Knisja, Pjazza Zjara tal-Madonna, Pjazzetta Zjara tal-Madonna, Triq Frenc ta' l-Gharb u Pjazza Gerano.
- Pavimentar ta' Pjazza Zjara tal-Madonna, Pjazzetta Zjara tal-Madonna u Pjazza Gerano.

Wara l-Kunsill ikun jista' jiddeciedi dwar il-budget li ghandu allokat mill-Ministeru ghal Ghawdex u l-WSC u dak li ser jalloka mill-budget tieghu. Kif il-Kunsill jiehu din id-decizjoni jigi evalwat kif ser jinhadem il-bqija tax-xoghol.

4.3.3 Manuel Muscat staqsa jekk saritx talba dwar il-Memo tat-toroq. Is-Sindku spjega illi l-toroq li ghad fadal sabiex isiru mill-Kunsill huma Triq Trux, Triq Tumas Cassar u Triq Virtu.

**4.4 Offerta ghall-provvista ta' materjal u kiri ta' makkinarju ghal xoghol ta' manutenzjoni Ten:04-10**

Il-Kunsill tratta id-diversi partijiet ta' din l-offerta kif gej:-

**4.4.1 Patching bil-hot asphalt (xoghol biss)**

Gew sottomessi 2 offerti minghand Lawrence Attard u Bugeja Bros (Gozo) Ltd. L-irhas offerta hija ta' Lawrence Attard u peress li l-Kunsill innota li hemm qabza sostanzjali bejn il-prezzijiet taz-zewg kuntratturi qabel li jitlob konferma lil Lawrence Attard tal-prezzijiet minnu sottomessi. Il-Kunsill qabel li jekk is-Sur Attard jikkonferma li ser jahdem bil-prezzijiet kif sottomessi l-offerta tal-patching bil-hot asphalt (xoghol biss) ghandha tinghata lis-Sur Attard.

**4.4.2 Kera ta' makkinarju**

Gew sottomessi 4 offerti minghand Lawrence Attard, Bugeja Bros (Gozo) Ltd, Derrick Camilleri u AE Mintoff. Il-Kunsill qabel li jaghti l-offerta ta' kera ta' makkinarju lil Derrick Camilleri li tefa l-irhas prezzijiet.

**4.4.3 Provvista ta' konkrit u materjal relatat**

Gew sottomessi 3 offerti minghand Lawrence Attard, Bugeja Bros (Gozo) Ltd u Road Construction Co. Ltd. Il-Kunsill qabel li jaghti l-offerta ta' provvista ta' konkrit u materjal relatat lil Bugeja Bros (Gozo) Ltd li offrew l-orhos prezzijiet.

**4.4.4 Provvista ta' hot u cold asphalt.**

Gew sottomessi 3 offerti minghand Lawrence Attard, Bugeja Bros (Gozo) Ltd u Road Construction Co. Ltd. L-irhas offerta hija ta' Lawrence Attard u peress li l-Kunsill innota li hemm qabza sostanzjali bejn il-prezzijiet ta' dan il-kuntrattur ma ta' l-ohrjan qabel li jitlob konferma lil Lawrence Attard tal-prezzijiet minnu sottomessi. Il-Kunsill qabel li jekk is-Sur Attard jikkonferma li ser jahdem bil-prezzijiet kif sottomessi l-offerta tal-provvista ta' hot u cold asphalt ghandha tinghata lis-Sur Attard.

**4.4.5 Patching bil-cold asphalt (xoghol biss)**

Gew sottomessi 3 offerti minghand Lawrence Attard, Bugeja Bros (Gozo) Ltd u A&E Mintoff. Bhal fil-kaz ta' qabel il-Kunsill ser jitlob lill-irhas offerent is-sur Lawrence Attard jikkonferma il-prezzijiet offruti u dawn jigu ikkonfermati l-offerta tal-patching bil-cold asphalt (xoghol biss) ghandha tinghata lis-Sur Attard.

4.4.6 Manuel Muscat staqsa jekk kienx hemm pjan illi fi Triq Birbuba isir kanal tal-ilma. Gie spjegat illi dan kien ippjanat li jsir fil-genb tat-triq.

**4.5 Offerta ghall-provvista u installazzjoni ta'** ***solar water heaters, solar photovoltaic systems, water recuperation and recycling systems, intelligent lighting and controls etc.*** **Ten:05-10**

Taht din l-offerta gew sottomessi hames offerti differenti minghand Econetique Ltd, Solar Engineering Ltd, Joseph Hili – Calleja & Formosa Energy Saving, Alberta u D&G Projects Ltd.

Il-Kunsill qabel li l-istess board ta' evalwazzjoni li ser jitwaqqaf biex jevalwa l-offerta tad-dawl energy saving ghandu jevalwa wkoll din l-offerta.

4.6Saret diskussjoni dwar it-tnehhija tar-road humps.

4.7Gie spjegat illi l-haddiema assenjati mal-Kunsill mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali qed jahdmu fuq il-hajt fi Triq San Pietru filwaqt illi il-haddiema tal-ETC qed jahdmu fuq tikhil tal-arkata fi Triq Sdieri.

4.8 Manuel Muscat staqsa dwar il-premjijiet tar-rebbieha tal-karrijiet tal-Karnival. Il Kunsill qabel illi dawn flimkien mar-rigali tal-kompetizzjonijiet tal-Milied ghandhom jigu pprezentati waqt il-kuncert tal-Gaulitanus li ser isir fil-Knisja tal -Gharb fit-12 ta' April, fit-8.00pm.

4.9 Il-Kunsill qabel unanimament illi nhar Hadd il-Ghid wara l-quddiesa ta' 8.30am ghandha ssir l-attivita' annwali tat-tqassim ta' bajd tal-Ghid lit-tfal tal-lokalita'. Gie spjegat illi bhalma ntqal fil-laqgha precedenti permezz tal-gemellagg ma Comunita' Collinare Colli Tortonesi din is-sena il-bajd tal-ghid qed jigu pprovduti b'mod kumplimentari minn wiehed mir-residenti ta' din il-lokalita' li ghandu fabbrika tac-cikkulata.

**5. Applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp PA05058/09.**

5.1 Is-Sindku spjega illi din l-applikazzjoni hija ta' certu importanza ghal-lokalita' u titratta dwar applikazzjoni ghall-bini ta' kamra tan-nar tal-Gharb u ghalhekk hass li ghandha titpogga fuq l-Agenda. Il-Kunsill iddiskuta il-biza li jekk in-nar ma jinhadimx go fabbrika il boghod mill-abitanti jista' jinhadem illegalment fid-djar bil-perikli kollha li jgib mieghu. Is-Sindku spjega illi esperjenza precedenti ta' applikazzjoni simili gewwa l-lokalita' uriet illi l-interventi kollha tal-Kunsill kienu inutli ghaliex il-permess hareg xorta wahda. Is-Sindku talab ghal diskussjoni matura. u esprima ix-xewqa illi l-Kunsill jasal ghal decizjoni unanima. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel unanimament illi din hija applikazzjoni ta' natura partikolari u ghalhekk ghazel li jhalli d-decizjoni f'idejn il-MEPA li hija l-awtorita' kompetenti. Kien hemm qbil li tinkiteb ittra lill-MEPA fejn il-Kunsill jghid illi huwa qed ihalli f'idejn il-Mepa sabiex tiddeciedi dwar din l-applikazzjoni u sabiex tassigura illi fid-dedizjoni ikunu mharsa l-istandards ta' sahha u sigurta'.

## 6. Approvazzjoni ta' hlasijiet.

6.1 Il-Kunsill approva unanimament il-hlas tal-kontijiet elenkati fl-iskeda ta' pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

## 7. Korrispondenza u materji ohra.

7.1 Il-Kunsill qabel unanimament li jidhol fi ftehim ma Dr Tek li ser ikun qed jipprovdi lill-Kunsill b'xejn printer tat-tip HP Colorjet CP1215n bil-ftehim illi l-linka ghal din il-printer tinxtara biss minghandu. Il-Kunsill approva il-hlas ghall-ewwel sett ta' linka li jiswa €180.04.

7.2 Giet trattata korrispondenza dwar Skema dwar Attivitajiet Sportivi fejn il-Kunsill gie infurmat illi l-proposti mressqa taht din l-iskema 'fitness', 'walking bus' u 'after school sports programme' gew approvati u l-Kunsill ser ikun qed jinghata nofs il-valur tal-progett li jiswa €5125.80 biex iwettaq l-attivitajiet approvati. Il-nofs l-ohra irid johroghom il-Kunsill. Is-Sindku rega' ressaq proposta li huwa kien ressaq f'Kunsill precedenti illi tinxtara pool sabiex tkun tista' tintuza mill-istudenti u tkun tista' tintuza wkoll ghal loghob f'ilma bhal aqua aerobics. Is-Sindku ippropona wkoll illi din il-pool tkun tahdem permezz tal-energija solari sabiex jissahhan l-ilma u b'hekk tkun tista' tintuza anke fix-xitwa. Manuel Muscat qal illi wiehed ghandu jara jekk il-pool hijiex skond l-istandards ta' sahha biex tkun tista' tilqa' fiha ammont kbir ta' nies. Il-Kunsill qabel illi jekk tinxtara il-pool il-Kunsill ghandu jqabbad persuna biex tiehu hsieb il-manutenzjoni taghha. Il-Kunsill qabel li ghandu jmexxi fuq il-programm imfassal ta' dawn l-attivitajiet sportivi li gew approvati ghall-finanzjament taht l-iskema sabiex jigi diskuss fil-laqgha li jmiss.

7.3 Mill-kumitat kongunt tal-infunzar lokali hlas ta' fondi skond il-ftehim ta' pooling ta' Lulju 2002 ghall-perjodu April 09 sa Jannar 10 fejn il-Kunsill inghata cekk ta' €242.11.

7.4 Mill-Mepa, applikazzjonijiet godda ghal permezz ta' zvilupp bin-numri 5839/09, 0123/10, 5058/09. Avviz ta' infurzar ECF00120/10.

7.5 Minghand Charles Daniel Saliba dwar it-tnedija ta' zewg kotba dwar it-taghlim tal-idjomi u qwiel Maltin. Il-Kunsill qabel li jixtri kopja ta' dawn il-kotba ghal-librerija lokali.

7.6 Is-Sindku spjega illi gew sottomessi applikazzjonijiet ghal 4 progetti differenti taht il-programm Italja – Malta. F'dawn il-progetti il-ko-finanzjament tal-Kunsill ikun f'forma ta' staff costs.

**Pagna 8 Minuti tal-11 laqgha**

7.7 Giet trattata Memo 51/2010 fejn il-Kunsill qabel li ghandu japplika ghal Wi-fi.

7.8 Il-Kunsill qabel unanimament li l-attivita' socjali tal-Kunsill illi ma saritx fi zmien il-Milied ghandha issir f'Hadd il-Ghid f'Ta' Cenc Hotel.

7.9Il-Kunsill qabel unanimament li ghandhom jinhargu l-avvizi ghal korsijiet tas-sajf. Il-Kunsill qabel li ghandu jorganizza wkoll korsijiet ghall-istudenti tal-Year 5 u 6. Is-Sindku stiden lill-kunsilliera sabiex jipproponu korsijiet differenti min dawk tas-soltu.

Il-laqgha spiccat hin 7.40pm

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv